**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 19 ta' Frar 2025

Każ Numru: 7814/2023

**IL-PULIZIJA**

**Vs**

**Adrian Kenneth Friggieri**

(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0406877M)

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Adrian Kenneth Friggieri, iben Alexander u Carmen nee' Azzopardi imwieled San Ġiljan, nhar il-21 ta' Lulju 1977, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0406877 (M) u residenti 22, Flat 2, Triq l-Inġinieri, Valletta:

"Akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat u ċioé talli mix-xahar ta' Mejju 2018 u l-kumplament tax-xhur ta' qabel:

1. Iġġestejt attività kummerċjali u din l-attività ikkaġunajt sikkatura għan-nies tal-madwar permezz ta' ħsejjes, rwejjaħ ħżiena, dħaħen, fwar, gassijiet, trabijiet tossiċi, jew offensiv

illi jistgħu jħassru jew jipperikolaw is-saħħa ġġenerati minn Air-Conditioners, Chillers, Extractors, Generators u apparat ieħor.

2. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju."

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri permezz ta' liema din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta.

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2023, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma għandiex aktar provi xi tressaq.

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2024, id-Difiża ddikjarat li għalqet il-provi.

Rat ix-xhieda.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti.

Semgħet s-sottomissjonijiet finali tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

**A. <u>Fatti tal-każ</u>**

Illi dan il-każ jittratta kwerela li saret minn Phyllis Sammut Smith lil pulizija fil-konfront tal-imputat Adrian Kenneth Friggieri fejn permezz tal-istess kwerela, l-kwerelanta sostniet u lmentat minn ħsejjes magħmula minn kumpressur tal-arja kkundizzjonata li jagħti servizz lill-propjetà tal-imputat bl-isem Thirtyfour Real Agents.

**B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>**

1. **Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri.

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li biex l-imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, ċioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid pero' mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li "dubju jkun dak dettat mir-raġuni".

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija **mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

2. **L-Ewwel Imputazzjoni:** **'***Talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat u cioe talli mix-xahar ta' Mejju 2018 u l-kumplament tax-xhur ta' qabel:*

   *Iġġestejt attivita' kummerċjali u din l-attivita ikkaġunajt sikkatura għan-nies tal-madwar permezz ta' ħsejjes, rwejjaħ ħżiena, dħaħen, fwar, gassijiet, trabijiet tossiċi, jew offensiv illi jistgħu jħassru jew jipperikolaw is-saħħa ġġenerati minn Air-Conditioners, Chillers, Extractors, Generators u apparat ieħor.'*

   Fix-xhieda tagħha l-parte ċivili Filippa Sammut Smith sostniet li r-residenza tagħha jisimha 40, Fleet Street, Gżira. It-tieqa tal-propjetà tal-imputat qiegħda fil-bitħa ta' ħaddieħor liema bitħa tiġi fuq in-naħa ta' wara tal-propjetà. Sostniet bejn l-aħħar ta' Ġunju u bidu ta' Lulju tas-sena 2017, l-imputat installa kumpressur tal-arja kkundizzjonata.

   Wara jumejn huwa biddel il-kumpressur ma ieħor li mill-ewwel beda jżarżar u jagħmel ħafna storbju. Meta ix-xhud infurmat lill-imputat b'dan il-fatt huwa informaha li kien se jkellem lit-technician, iżda l-kumpressur baqa' jagħmel l-istorbju u jżarżar.

   Ix-xhud sostnih li meta marret biex tagħmel rapport lil pulizija, il-pulizija sostnew magħha li dik hija kwistjoni ċivili u għalhekk kellha tmur għand avukat. Ix-xhud issostni li hija marret għand l-avukat u bagħtulu ittra, iżda l-imputat ma ħa l-ebda azzjoni u għalhekk kellha ssir il-kwerela. Ix-xhud issostni li hija inkarigat lil Perit Kurt Sammut Alessi u lis-sound engineer Chris Calleja sabiex jagħmlu r-rapporti tagħhom.

   Ix-xhud issostni li sa dakinhar li xehdet l-kumpressur tal-arja kkundizzjonata kien għadu jżarżar u jagħmel l-istorbju. Sostniet li l-indirizz tal-propjetà tal-imputat huwa 33, Belvedere Street.

   In kontro-eżami x-xhud sostniet li kien hemm mwaħħlin tlett kumpressuri, iżda huwa l-kumpressur t'isfel nett li kien qed jagħmel l-istorbju.

Il-Perit Dr Robert Musumeci ġie maħtur mill-Qorti sabiex jaċċedi fuq il-post 40, Fleet Street, Gżira u 34, Belveder Street, Gżira sabiex jagħmel eżamijiet u testijiet neċessarji dwar il-measurement tal-ħsejjes/vibrazzjoni li jinstemgħu minn 40, Fleet street, mill-kumpressur tal-imputat li qiegħed jiġi nstallat mal-ħajt ta' 34, Belveder Street, Gżira.

Il-Perit Dr Robert Musumeci filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu xehed li huwa wasal għal konklużjoni li l-kumpressur tal-arja kundizzjonata huwa storbjuż. Fir-rapport tiegħu l-Perit Dr Robert Musumeci jsostni:
*"Illi madanakollu, l-esponenti seta' jinnota li, meta l-air conditioner fl-uffiċini tal-imputat tħalla fuq HEAT MODE (30-il grad Celsius) u t-tieqa tal-kċina fl-ewwel sular fil-fond tal-kwerelanta kienet miftuħa, iż-żarżir tal-kumpressur kien faċilment jinstema'.'*

L-Inġinier Christian Calleja fix-xhieda tiegħu filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu li sar f'Settembru 2018, sostna li mir-rapport tiegħu rriżultalu li meta jinxtagħal l-airconditioning ikun hemm tibdil sinifikanti fl-istorbju minn meta l-istess kumpressur tal- arja kkundizzjonata jkun mitfi.

In kontro-eżami l-Inġinier Calleja sostna li r-rapport sar bit-tieqa miftuħa u biex sar ir-rapport huwa qatt ma mar fil-post tal-imputat. Ir-rapport sar billi nstalla apparat fil-kamra tas-sodda tal-parte civile u l-apparat tħalla mixgħul għal ġimgħa sħiħa.

Fix-xhieda tiegħu l-imputat Adrian Kenneth Friggieri sostna li dak iż-żmien kien aġent tal-proprjetà u fil-fatt kien jiġġestixxi dan l-uffiċju sabiex jopera bħala aġenzija tal-proprjetà. Sostna li l-airconditioning jintuża biss matul il-ġimgħa u fil-weekends waqt il-ħinijiet tax-xogħol. Bil-lejl qatt ma jkun mixgħul.

Sostna li fil-preżent il-fond krieh u qiegħed jintuża bħala ħanut. Sostna li fil-fond partikolari ma hemmx l-airconditioning tiegħu biss. Hemm ukoll kumpressuri tal-arja kkundizzjonata oħra, u li tiegħu huwa ġdid fjamant.

Ix-xhud sostna li l-inġinier Christian Calleja qatt ma kkuntatjah, qatt ma daħal fil-fond tiegħu u qatt ma talbu biex jixgħel u jitfi l-airconditioning.

Din il-Qorti ssostni li l-imputat stess fix-xhieda tiegħu sostna li huwa kien il-bniedem responsabbli għall-attività kummerċjali li kienet qed issir mill-post li l-kumpressur tal-airconditioning skond l-parte civile kien qed jikkawżalha inkonvenjent kbir minħabba l-istorbju li jagħmel.

Din il-Qorti ssostni li hija sejra tistrieħ fuq ix-xhieda u fuq ir-rapport tal-Perit Dr Robert Musumeci li ġie maħtur mill-Qorti sabiex jaċċedi fuq il-post 40, Fleet Street, Gżira u 34, Belveder Street, Gżira sabiex jagħmel eżamijiet u testijiet neċessarji dwar il-measurement tal-ħsejjes/vibrazzjoni li jinstemgħu minn 40, Fleet street, mill-kumpressur tal-imputat li qiegħed jiġi nstallat mal-ħajt ta' 34, Belveder Street, Gżira, sabiex tistabbilix jekk l-imputat għandux jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

Il-Perit Dr Robert Musumeci xehed li huwa wasal għal konklużjoni li l-kumpressur tal-arja kkundizzjonata meta jkun mixgħul huwa storbjuż u jeċċedi l-limitu stabbilit ta' 45 dBA.

Għalhekk il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li l-Qorti tqis li din imputazzjoni tirriżulta sodisfaċentement ippruvata.

3. **It-Tieni imputazzjoni:** *'Talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat u cioe talli mix-xahar ta' Mejju 2018 u l-kumplament tax-xhur ta' qabel:*

*Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju."*

L-imputat qiegħed jiġi akkużat taħt l-artiklu 338 (dd) tal-Kodiċi Kriminali.

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-4 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Buttigieg**, ingħad is-segwenti:

*"It-tieni akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Rocco D'Alessandro, sabiex tinstab ħtija taħt din il-kontravvenzjoni huwa fundamentali li "jkun hemm* ***għemil volontarju*** *li minnu*

*nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel* ***imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`****, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta' reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ- ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

Illi mill-provi ma jirriżultax li kien hemm xi terz li tnissel fih imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħu dwar l-inkolumita` fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjetà.

Din il-Qorti ssostni li l-Prosekuzzjoni ċertament li ma rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest fil-kamp penali u ċioé dak ta' mingħajr l-ebda dubju dettat mir-raġuni li l-imputat kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika.

Għalhekk din il-Qorti mhix sejra ssib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni stante li ma ġietx ippruvata.

## C. <u>Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>

Il-Qorti ssostni li d-dar għandha tkun ir-refuġju ta' kull individwu, il-post fejn wieħed jistrieħ u jirrilassa. Huwa inaċċettabbli li minħabba l-aġir ta' ħaddieħor, individwu ma jkunx jista jistrieħ u jirrilassa ġewwa daru stess.

Mix-xhieda tal-parte civile jirriżulta li l-kumpressur tal-arja kkundizzjonata tal-imputat qiegħed jikkawżalha inkonvenjent minħabba l-istorbju li jagħmel.

Għalhekk il-Qorti, apparti li sejra timmulta lill-imputat se tkun qegħda tipprovdi ukoll sabiex jitneħħa l-imsemmi nkonvenjent.

## D. Konklużjoni

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Adrian Kenneth Friggieri detentur tal-karta  tal-identità bin-numru 0406877M ħati tat-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u minnha tilliberah, u wara li rat l-artikoli 18 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tieni Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 u l-artikoli 18(1)(a), 18(1)(b), 18(1)(ċ) tal-Att Dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, issib lill-imputat Adrian Kenneth Friggieri detentur tal-karta  tal-identità bin-numru 0406877M ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah għal multa ta' mija u għoxrin ewro, b'dan illi jekk il-multa ma titħallasx tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata għal kull ħamsa u tletin euro (€35) u dan skond l-artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Inoltre il-Qorti tordna lill-imputat Adrian Kenneth Friggieri sabiex fi żmien xahar li jibda jiddekorri mil-lum, huwa għandu jneħħi u jaqla l-kumpressur tal-arja kkundizzjonata minn fejn jnsab taħt penali ta' ħamsa u għoxrin ewro (€25) kuljum fin-nuqqas.

**Dr. Kevan Azzopardi B.A.,  LL.D.**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**
**-------------------------------TMIEM-------------------------------**